

22001D0101

6.12.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 322/1

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 101/2001****tat-28 ta' Settembru 2001****li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 54/2001 tat-18 ta' Mejju 2001 ⁽¹⁾.
- (2) Għandhom japplikaw proċeduri ġodda għall-postijiet ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntieri u għall-atti li jirrigwardaw l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi skond il-Parti Introdutturja tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim.
- (3) Dawn il-proċeduri ġodda jimplikaw it-tfassil ta' lista ġdida ta' postijiet ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntieri fl-Islanda u fin-Norveġja fil-punt 39 tal-Parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim.
- (4) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Paragrafu 3 fil-Parti Introdutturja tal-Kapitolu I ta' l-Anness II mal-Ftehim għandu jiġi mendat kif ġej:

1. Il-paragrafi (ċ) u (d) għandhom jiġu mħassra.
2. Il-paragrafu (e) għandu jsir (ċ).
3. Fil-paragrafu (ċ) il-ġdid, il-kliem "(a), (b), (ċ) u (d)" għandhom jiġu mibdula bil-kliem "(a) u (b)".

Artikolu 2

It test tal-paragrafu 4B fil-Parti Introdutturja tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-ispezzjon tal-postijiet ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntieri

- 1) L-ispezzjonijiet tal-postijiet ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntieri għandhom isiru f'kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni tal-KEE u l-Awtorità tas-Soreljanza ta' l-EFTA.

⁽¹⁾ ĠU L 165, tal-21.6.2001, p. 58.

- 2) L-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA għandha tkun intitolata li tiegħu sehem fil-viżiti ta' spezzjon tas-servizzi tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-KE rigward id-deċiżjonijiet li għalihom isir riferiment fl-ewwel inċiż tal-paragrafu 5(b).
- 3) Il-Kummissjoni tal-KE u l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA għandhom jirranġaw spezzjonijiet konġunti sabiex jistabbilixxu rakkommandazzjoni komuni għall-għanijiet tad-deċiżjoni li għaliha jsir riferiment fit-tieni inċiż tal-paragrafu 5(b). Kull kwistjoni li tqum f'din il-konnessjoni tista' tiġi riferita lill-Kumitat Koġunt taż-ŻEE."

Artikolu 3

Il-paragrafu li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-paragrafu 4 fil-Parti Introdottrja tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim:

"5. Il-lista tal-postijiet ta' l-ispezzjon fuq il-fruntieri

- (a) Il-lista tal-postijiet ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntieri tinsab fil-punt 39 tal-Parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I.
- (b) Rigward l-emendi għal din il-lista:
 - l-Istati ta' l-EFTA għandhom japplikaw id-deċiżjonijiet Komunitarji li jiffissaw il-lista tal-postijiet ta' l-ispezzjon għall-Istati Membri tal-KE;
 - l-Istati Membri tal-KE għandhom japplikaw id-deċiżjonijiet ta' l-Awtorità tas-Sorveljanza ta' l-EFTA li jiffissaw il-postijiet ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntieri għall-Istati ta' l-EFTA. Fil-każ ta' żidiet ma' din il-lista għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-paragrafu 4B.
- (c) Jekk tinqala' diffikulta fl-applikazzjoni tal-proċedura stabbilita fil-(b), il-materja għandha tiġi riferita lill-Kumitat Koġunt taż-ŻEE."

Artikolu 4

Il-Paragrafu 5 fil-Parti Introdottrja tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jsir il-paragrafu 6.

Artikolu 5

Il-paragrafu 6 preżenti fil-Parti Introdottrja tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"7. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi – It-testi ta' l-applikazzjonijiet u l-listi ta' l-istabbilimenti

- (a) L-Istati ta' l-EFTA b'mod simultanju ma' l-Istati Membri tal-KE għandhom jieħdu miżuri li jikkorrispondu ma' dawk meħuda minn dawn ta' l-aħħar fuq il-bażi ta' l-atti Komunitarji rilevanti rigward it-testi ta' l-applikazzjonijiet u l-listi ta' l-istabbilimenti li jirrigwardaw l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi.
- (b) Fil-każ ta' kull diffikultà li jkollha x'taqsam ma' l-applikazzjoni ta' att Komunitarju, l-Istat ta' l-EFTA interessat għandu jirrapporta l-materja minnufih lill-Kumitat Koġunt taż-ŻEE.
- (c) Dan il-paragrafu għandu japplika għall-Islanda rigward il-materji koperti bl-atti li għalihom isir riferiment fil-paragrafu 2.
- (d) Il-Kumitat Koġunt taż-ŻEE jista' jieħdu nota tad-deċiżjonijiet Komunitarji.
- (e) L-obbligu stabbilit fil-(a) għandu japplika għall-atti kollha rilevanti fis-seħħ f'kull waqt mogħti, tkun liema tkun id-data ta' l-adozzjoni."

Artikolu 6

Il-paragrafu li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-paragrafu l-ġdid 7 fil-Parti Introdutturja tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim:

- “8. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi – Il-miżuri ta' salvagward u ta' protezzjoni
- (a) L-Istati ta' l-EFTA b'mod simultanju ma' l-Istati Membri tal-KE għandhom jieħdu miżuri li jikkorrispondu ma' dawk meħuda minn dawn ta' l-aħħar fuq il-bażi ta' l-atti Komunitarji rilevanti rigward il-miżuri ta' salvagward u ta' protezzjoni fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi.
 - (b) Fil-każ ta' kull diffikultà li jkollha x'taqsam ma' l-applikazzjoni ta' att Komunitarju, l-Istat ta' l-EFTA interessat għandu jirrapporta l-materja minnufih lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.
 - (ċ) L-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li Stat ta' l-EFTA jieħu miżuri unilaterali ta' protezzjoni sakemm issir l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija fil-(a).
 - (d) Dan il-paragrafu għandu japplika għall-Islanda rigward il-materji koperti bl-atti li għalihom isir riferiment fil-paragrafu 2.
 - (e) Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jieħu nota tad-deċiżjonijiet Komunitarji.”

Artikolu 7

Il-paragrafi 7, 8, 9 u 10 preżenti li jinsabu fil-Parti Introdutturja tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandhom isiru l-paragrafi 9, 10, 11 u 12 rispettivament.

Artikolu 8

Fil-punt 4 (id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE) tal-Parti 1.1 fil-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim, il-kliem “il-paragrafu 3 tal-Parti Introdutturja” fl-addattament (a) għandu jiġi mibdul bil-kliem “il-paragrafu 8 tal-Parti Introdutturja”.

Artikolu 9

Fil-punt 5 (id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KE) tal-Parti 1.1 fil-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim, il-kliem “il-paragrafu 3 tal-Parti Introdutturja” fit-test ta' addattament għandu jiġi mibdul bil-kliem “il-paragrafu 8 tal-Parti Introdutturja”.

Artikolu 10

It-test ta' addattament tal-punt 39 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/778/KE) fil-Parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jiġi mibdul bl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 11

Il-partijiet 8.2 u 8.3 fil-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandhom jiġu mħassra.

Artikolu 12

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2001, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103 (*) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt għaż-ŻEE.

Artikolu 13

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Taqsima għaż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u fis-Suppliment għaż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Settembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL

L-ANNEX

MAD-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE NRU 101/2001

Fl-Anness, jżied dan li ġej:

"Il-lista tal-postijiet ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntieri

Il-Pajjiż: L-Islanda

1	2	3	4	5
Akureyri	1700499	P	HC(1,3), NHC(20)	
Eskifjörður	1700599	P	HC-T(1,3), HC-NT(1,3)	
Hafnarfjörður	1700299	P	HC-T(1,3), HC-NT(1,3)	
Ísafjörður	1700399	P	HC-T(1,3), HC-NT(1,3)	
L-Ajrurport ta' Keflavík	1700799	A	HC-T(1,2,3), HC-NT(1,2,3)	O(19)
Reykjavik	1700199	P	HC(1,3), NHC(20)	

Il-Pajjiż: In-Norveġja

1	2	3	4	5
Borg	1501499	P	HC, NHC	E(10)
Båtsfjord	1501199	P	HC-T(1,3)	
Hammerfest	1501099	P	HC-T(1,3)	
Honningsvåg	1501799	P	HC-T(1,3)	
Kristiansund	1500299	P	HC-T(1,3)	
Oslo	15001199	P	HC, NHC	
Oslo	1501399	A	HC, NHC	U,E,O
Skjervøy	1502099	P	HC-T(1,3)	
Sortland	1501699	P	HC-T(1,3), HC-NT(1,3)	
Stavanger	1500399	P	HC-T(1,3), HC-NT(1,3), NHC(20)	
Storskog	1501299	R	HC-T, HC-NT, NHC	U,E,O
	1501299	P	HC-T(1,3)	
Tromsø	1500999	P	HC-T(1,3)	
Trondheim	1500799	P	HC(1,3)	

Vadsø	1501599	P	HC-T(1,3)	
Ålesund	1500699	P	HC-T(1,3)	

- 1 = L-Isem
2 = Il-Kodiċi *Animo*
3 = It-Tip
 A = L-Ajruport
 F = Il-ferrovija
 P = Il-Port
 R = It-triq
4 = Il-Prodotti
 HC = Il-Prodotti Kollha għall-Konsum mill-Bniedem
 NHC = Il-Prodotti l-oħra
 -NT = M'hemmx ħtiġiet ta' temperatura
 -T = Frozen/chilled products
 -T = Il-prodotti ffrizzati/imkessħa
5 = L-annimali ħajjin (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/957/KE tat-28 ta' Diċembru 1994)
 U = L-Ungulati il-frat, il-ħnieżer, in-nagħaġ, il-mogħoż, is-solipedi selvaġġi u domestiċi
 E = L-Ekwidi rreġistrati kif iddefiniti fid-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE
 O = L-annimali l-oħra
4-5 = Rimarki speċjali
(1) = Iċ-ċekkjar f'linja mal-ħtiġiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/352/KEE it-twettiq ta' l-Artikolu 18(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE
(2) = Il-prodotti ppakkjati biss
(3) = Il-prodotti mis-sajd biss
(4) = Il-proteina ta' l-annimali biss
(5) = Il-ġlud ħoxnin u l-ġlud irqaq tas-suf biss
(6) = It-tiben u l-ħuxlief biss
(7) = Il-prodotti mis-sajd mill-Islanda u minn-Norveġja biss
(8) = Is-semen u l-embrijoni biss
(9) = Is-suf biss
(10) = Il-ponijiet ta' l-Islanda (minn April sa Ottubru biss)
(11) = Il-ħnieżer minn Ċipru biss
(12) = Minn Malta biss
(13) = L-ekwidi biss
(14) = Il-ħut tropikali biss
(15) = Il-qtates, il-klieb, il-laġomorfi, il-ħut ħaj, ir-rettilli u għasafar oħra għajr l-għasafar li ma jtirux biss
(16) = L-annimali żooloġiċi biss
(17) = L-oġġetti tat-tgħam bil-massa biss
(18) = Mill-Ungerija biss
(19) = L-annimali ta' l-akwakultura
(20) = L-ikel mill-ħut mithon oħxon biss"